

Rapport dwar l-Ażil 2023

Sommarju Eżekuttiv





© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2023

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Ritratt tal-qoxra: Adobe Stock #[457573540](#)

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

PDF ISBN 978-92-9403-225-6 doi: 10.2847/040849 BZ-AH-23-001-MT-N ISSN 2600-3198

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-EUAA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Rapport dwar l-Ażil 2023

Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil
fl-Unjoni Ewropea

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Lulju 2023



Daħla

Il-protezzjoni internazzjonali u temporanja baqgħet fuq quddiem nett tad-diskussjonijiet ta' politika matul l-2022, b'ċifra kkombinata ta' 5 miljun persuna li qed ifittxu protezzjoni li jaslu fl-Ewropa. It-total jinkludi l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-ażil li żdied għal kważi miljun, flimkien ma' aktar minn 4 miljun reġistrazzjoni għal protezzjoni temporanja minn persuni li qed jaħrabu mill-gwerra fl-Ukrajna. Naturalment, il-kobor tal-influss ittestja s-sistemi nazzjonali tal-ażil u l-akkoljenza għal livelli ġodda, u l-pajjiżi tal-UE+ kellhom isibu soluzzjonijiet rapidi, iżda vijabbli.

L-iżviluppi fil-protezzjoni internazzjonali fl-2022 enfasizzaw l-importanza li jkun hemm fis-seħħ arkitettura ta' protezzjoni effettiva b'parteċipazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati. Kif ippreżentat f'dan ir-rapport, l-istituzzjonijiet tal-UE komplew bl-isforzi tagħhom biex javvanzaw ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) u jkomplu jrawmu l-kooperazzjoni Prattika fost il-pajjiżi tal-UE+ abbażi tas-solidarjetà u r-responsabbiltà. Huma kellhom ukoll rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' rispons Ewropew orkestrat għall-ħtiġijiet tal-persuni spostati mill-Ukrajna.



Biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet eżistenti u emerġenti, il-pajjiżi tal-UE+ wiegħbu billi aġġustaw il-politiki u l-prattiki, allokaw riżorsi addizzjonali u ppromulgaw bidliet fil-leġiżlazzjoni. Il-ħafna żviluppi pożittivi għandhom jiġu apprezzati u ċelebrati. Iżda f'dinja ta' xejriet ta' bidla rapida fil-migrazzjoni u l-ażil, m'hemmx żmien għal kompjaċenza u t-tagħlimiet meħuda fl-2022 għandhom iservu bħala katalist għal aktar irfinar. L-attivazzjoni rapida u l-estensjoni tal-protezzjoni temporanja indikaw li leġiżlazzjoni effettiva u ppjanar ta' kontinġenza, flimkien ma' rieda politika wiesgħa, jistgħu jwasslu għal rispons rapidu għall-kriżijiet umanitarji; jipprovdu prevedibbiltà u stabbiltà lill-benefiċjarji; u jrawmu l-konverġenza fil-prattiki f'diversi pajjiżi. B'mod importanti, ir-rispons tal-UE fil-protezzjoni ta' persuni spostati mill-Ukrajna jista' jwitti t-triq biex tiġi ggwidata s-sistema tal-ażil tal-UE kollha kemm hi permezz ta' espressjonijiet simili ta' solidarjetà u responsabbiltà kondiviża.

Wara sena sħiħa ta' funzjonament b'mandat imsaħħaħ, l-EUAA għalqet l-2022 b'għadd bla preċedent ta' pjanijiet operazzjonali biex tipprovdi assistenza operazzjonali u teknika primarjament lill-Istati Membri li jesperjenzaw pressjoni sproporzjonata fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom. Kif stipulat fir-Regolament tal-EUAA, il-programm ta' ħidma l-ġdid tal-Aġenzija se jkompli jevolvi matul is-sena li ġejja.





L-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali tal-EUAA li jkun għadu kif inħatar se jiżgura li l-operazzjonijiet tal-Aġenzija jkomplu jaderixxu bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali, l-Uffiċjali ta' Kollegament fl-Istati Membri se jikkalibraw aktar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ se jibda fil-bidu tal-2024 biex jgħin fl-armonizzazzjoni tal-prattiki madwar l-UE. Filwaqt li żżomm mal-istatus tagħha bħala ċ-ċentru ta' għarfien espert dwar l-ażil, l-Aġenzija se tkompli taqdi rwol ewlieni fl-isforz Ewropew biex tipprovdi protezzjoni lil dawk fil-bżonn.

Nina Gregori
Direttur Eżekuttiv
L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil





Werrej

Daħla	5
Werrej	7
Introduzzjoni	8
1. L-iżviluppi globali fil-qasam tal-ażil	9
2. Żviluppi maġġuri fl-ażil fl-Unjoni Ewropea	10
3. L-appoġġ tal-EUAA fl-2022	13
4. Il-Funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil	14
4.1. Aċċess għall-proċeduri.....	14
4.2. Il-proċedura ta' Dublin	16
4.3. Proċeduri speċjali biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni	17
4.4. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-prim'istanza	17
4.5. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fit-tieni istanza jew f'istanza oġġla	19
4.6. Kawżi pendenti.....	19
4.7. Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali.....	19
4.8. Aspetti ta' detenzjoni li jinvolvu applikanti u applikanti preċedenti.....	20
4.9. Aċċess għall-informazzjoni	21
4.10. Assistenza u rappreżentanza legali	21
4.11. Servizzi ta' interpretazzjoni.....	22
4.12. Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini.....	22
4.13. L-apolidija fil-kuntast tal-ażil	23
4.14. Kontenut tal-protezzjoni	23
4.15. Risistemazzjoni u ammissjonijiet umanitarji	25
5. Tfal u persuni bi bżonnijiet speċjali fil-proċedura tal-ażil	26
Osservazzjonijiet finali	28



Introduzzjoni



Bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa, ir-Rapport annwali dwar l-Ażil mill-EUAA jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi ewlenin fl-ażil fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera (pajjiżi tal-UE+).

Billi jibda b'ħarsa ġenerali qasira lejn ix-xejriet u s-suġġetti ewlenin tad-diskussjoni dwar l-ispostament furzat f'livell globali, ir-rapport jiffoka fuq il-kuntest tal-Ewropa. L-iżviluppi ewlenin huma ppreżentati fil-livelli tal-UE u nazzjonali, li jkopru l-asperti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA). Il-ġurisprudenza magħżula hija ppreżentata biex turi kif il-qrati ffurmaw l-interpretazzjoni tal-liġijiet Ewropej u nazzjonali. Barra minn hekk, id-*data* statistika dwar l-indikaturi ewlenin tenfasizza x-xejriet fil-qasam tal-ażil fl-2022.

Il-pajjiżi tal-UE+ kienu ffaċċjati b'numru eċċezzjonali ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni fl-2022 bħala riżultat ta' applikazzjonijiet għall-ażil li qed jiżdiedu drastikament u ippreżentati fl-Ewropa, flimkien mal-ispostament furzat ta' miljuni ta' persuni mill-Ukrajna wara l-invażjoni Russa. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, l-UE u l-Istati Membri tagħha mmobilizzaw ammont bla preċedent ta' riżorsi biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' protezzjoni li qed jikbru.



1. L-iżviluppi globali fil-qasam tal-ażil



Livelli miżjuda ta' kunflitt u ksur tad-drittijiet tal-bniedem matul l-aħħar deċennju ppersistew fl-2022. Taħlita ta' kriżijiet, inklużi kunflitti ġodda u kontinwi, xokkijiet klimatiċi, inkwiet ġeopolitiku, vjolenza u persekuzzjoni, wasslu biex miljuni ta' nies jaħarbu minn djarhom fl-2022. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kkawżat waħda mill-aktar kriżijiet rapidi u kbar ta' spostament furzat mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn.

Sitwazzjonijiet oħra preeżistenti u profondi ta' spostament madwar id-dinja ppersistew jew kibru, u dan wassal biex l-għadd ta' persuni spostati globalment laħaq livelli storiċi fl-2022, u laħaq madwar 103 miljuni, kif stmat mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR). Kien hemm effetti gravi fuq il-popolazzjonijiet ċivili fl-Afganistan, il-Burkina Faso, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-Etjopja, il-Mozambique, il-Myanmar, in-Nikaragwa, it-Triangolu tat-Tramuntana tal-Amerika Ċentrali (il-Gwatemala, El Salvador u l-Honduras), ir-reġjun tas-Saħel, is-Sirja u l-Venezwela.

F'dan l-isfond, il-komunità internazzjonali kompliet bl-isforzi tagħha fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għal persuni li jeħtieġu protezzjoni. Permezz ta' kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati, ġew ipprovduti risponsi ta' protezzjoni effettivi lill-persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna f'perjodi ta' żmien qosra. Fir-rigward tal-protezzjoni internazzjonali, fil-qafas tal-Patt Globali dwar ir-Refuġjati, il-komunità internazzjonali kompliet tfassal u timplimenta inizjattivi lejn: i) it-tnaqqis tal-pressjoni fuq il-pajjiżi ospitanti; ii) it-tisħiħ tal-awtodipendenza tar-refuġjati; iii) l-espansjoni tal-aċċess għal soluzzjonijiet f'pajjiżi terzi; u iv) l-appoġġ tal-kundizzjonijiet fil-pajjiżi ta' oriġini għal ritorn sikur u dinjituż.

Hekk kif il-partijiet ikkonċernati madwar id-dinja qed ikomplu jindirizzaw aspetti kumplessi ta' xejriet ta' spostament li dejjem jinbidlu, id-diskors u l-prassi tal-protezzjoni internazzjonali jevolvu biex jakkomodaw il-ħtiġijiet emerġenti. Il-kwistjonijiet ewlenin li baqgħu fiċ-ċentru tal-attenzjoni fil-qasam tal-ażil fl-2022 kienu jinkludu:

- Enfasi fuq it-tfal u l-minorenni mhux akkumpanjati;
- Fehim u rispons aħjar għall-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet fil-kuntest tal-ispostament;
- Enfasi fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-persuni spostati bħala tħassib ta' kuljum;
- L-ispostament ikkawżat mill-klima bħala fattur li jiġġenera u jfassal il-ħtiġijiet ta' protezzjoni madwar id-dinja; u
- Filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet ta' apolidija fil-kuntest tal-ażil u l-interazzjoni bejn l-apolidija u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni.



2. Żviluppi maġġuri fl-ażil fl-Unjoni Ewropea



L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kkawżat spostament furzat ta' livelli bla preċedent f'dawn l-aħħar deċennji fl-Ewropa u żiedet il-pressjoni fuq sistemi ta' akkoljenza li diġà huma saturati. L-impatt tal-gwerra kellu effett profond fit-tiswir tal-migrazzjoni u l-ażil, u naturalment okkupa post ċentrali fit-tfassil tal-politika relatata mal-protezzjoni fil-livelli nazzjonali u tal-UE matul is-sena.

B'riflessjoni tal-impenn tal-UE li turi solidarjetà sħiħa mal-Ukrajna, fl-4 ta' Marzu 2022 il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni adotta b'mod unanimu deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill biex tiġi attivata d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja u stabbilixxa protezzjoni temporanja għall-persuni spostati li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna. Il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-Pjattaforma ta' Solidarjetà, li saret iċ-ċentru ta' rispons orkestrat tal-UE. Hija żviluppat ukoll pjan ta' azzjoni ta' 10 punti b'miżuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni Ewropea, l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna.

Wara d-deċiżjoni tal-Kunsill f'Marzu 2022, il-pajjiżi tal-UE pproċedew bl-applikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill billi introduċew l-arranġamenti proċedurali u ta' akkoljenza rilevanti, organizzaw kampanji ta' informazzjoni u taw aċċess għad-drittijiet għall-persuni li jaħarbu mill-Ukrajna. L-attivazzjoni u l-implimentazzjoni prattika tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja ppermettiet status legali ċar għall-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna u aċċess sistematiku għad-drittijiet assoċjati.ⁱ

Bil-ħidma attiva tal-Presidenza Franċiża u dik Ċeka tal-Kunsill tal-UE u taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, sar progress konsiderevoli fl-2022 lejn l-avvanz tal-pakkett ta' riforma inkluż fil-[Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#) u t-tiżiħ tal-kooperazzjoni prattika fost il-pajjiżi tal-UE+. B'riżultat ta' dan, f'Ġunju 2022, il-Kunsill adotta mandati ta' negozjar dwar ir-Regolamenti dwar l-Iskrinjar u l-Eurodac, kif ukoll l-approċċ ġenerali tiegħu dwar il-proposta għar-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Intlaħaq ukoll ftehim minn 21 pajjiż dwar l-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Solidarjetà Volontarja, li witta t-triq għal aktar progress fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Il-mekkaniżmu jipprevedi għal espressjonijiet ta' solidarjetà lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw pressjoni partikolari fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom permezz ta' rilokazzjonijiet, kontribuzzjonijiet finanzjarji u miżuri oħra ta' appoġġ.

Fil-livell tal-Parlament Ewropew, fl-2022 ir-relaturi ppreżentaw abbozzi ta' rapporti dwar il-proposti leġiżlattivi kollha inklużi fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u dwar id-Direttiva riformulata dwar ir-Ritorn. F'Settembru 2022, il-Parlament u l-Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE laħqu qbil politiku dwar [pjan direzzjonali konġunt](#) għal negozjati bejn il-koleġiżlaturi sabiex jadottaw il-proposti leġiżlattivi qabel tmiem il-perjodu leġiżlattiv 2019-2024.

ⁱ Għal ħarsa ġenerali dettaljata lejn l-azzjonijiet meħuda mill-pajjiżi tal-UE+ fl-implimentazzjoni tal-protezzjoni temporanja għall-persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna, ara [Providing Temporary Protection to Displaced Persons from Ukraine: A Year in Review](#) tal-EUAA.





Il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni u l-impatt assoċjat fuq il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' Schengen kienu s-suġġetti ta' diskussjoni ewlenin fost dawk li jfasslu l-politika Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat dokument ta' politika biex tniedi strateġija pluriennali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri li tindirizza l-kontroll tal-fruntieri; l-attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ; l-analiżi tar-riskju; il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, l-UE u dik internazzjonali; ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qiegħdin fil-pajjiż illegalment; id-drittijiet fundamentali; ir-riċerka u l-innovazzjoni; u l-edukazzjoni u t-taħriġ. Saru wkoll sforzi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari.

Il-fruntieri esterni tal-UE komplew jesperjenzaw żieda fil-pressjoni, bil-wasliet jiżdiedu drastikament għat-tieni sena konsekuttiva. Skont *data* preliminari miġbura mill-Frontex, ġew identifikati 330,000 każ ta' qsim irregolari tal-fruntieri fil-fruntiera esterna tal-UE fl-2022, li jirrappreżentaw żieda ta' 64% meta mqabbla mal-2021. Il-persuni spostati mill-Ukrajna ma kinux inklużi f'dawn iċ-ċifri, peress li ġew irreġistrati separatament. Biex tindirizza s-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni, il-Kummissjoni Ewropea kompliet tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri l-aktar esposti billi toffri assistenza finanzjarja u risponsi operazzjonali f'koordinazzjoni mal-Aġenziji tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat żewġ pjanijiet ta' azzjoni b'sensiela ta' miżuri operazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi immedjati u kontinwi tul ir-rotot tal-Mediterran Ċentrali u tal-Balkani tal-Punent. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran Ċentrali jinkludi 20 miżura mfassla biex inaqqsu l-migrazzjoni irregolari u mhux sikura, jipprovdu soluzzjonijiet għall-isfidi emerġenti fil-qasam tal-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ u jrawmu solidarjetà bbilanċjata kontra r-responsabbiltà fost l-Istati Membri. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Balkani tal-Punent jinkludi wkoll 20 miżura operazzjonali strutturati fuq ħames pilastri. L-għan huwa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, li għandhom status uniku bħala pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE.

Fl-2022, l-UE u l-Istati Membri tagħha komplew jagħtu assistenza permezz ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ (SAR) lil persuni u bastimenti f'diffikultà fil-Baħar Mediterran. Dawn kienu jinkludu migranti u refuġjati li qed jippruvaw jilħqu l-Ewropa, li qed jagħmlu vjaġġi ta' theddida għall-ħajja tagħhom u organizzati minn kuntrabandisti li użaw tattiki dejjem aktar perikolużi biex jaqsmu l-Baħar Mediterran. Fin-nuqqas ta' mekkaniżmu madwar l-UE, aċċettat b'mod komuni u prevedibbli għall-avvenimenti ta' SAR, il-limitazzjonijiet tal-arranġamenti u l-prattiki attwali komplew ikunu l-mira tal-kritika. Għal dawk l-ilħna, nuqqas ta' koordinazzjoni fl-attivitajiet tas-SAR, azzjoni solitarja minn pajjiżi individwali u l-kriminalizzazzjoni tal-NGOs involuti fl-attivitajiet tas-SAR fil-Baħar Mediterran spiss wasslu biex il-migranti jiġu sfurzati jibqgħu għal diversi jiem fuq id-dgħajjes.

F'konformità ma' tradizzjoni twila ta' deċennji ta' snin ta' attriċi ewlenija fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet orjentati lejn il-protezzjoni madwar id-dinja, l-UE kompliet il-kooperazzjoni komprensiva u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi. L-attivitajiet taħt id-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil inkludew sforzi biex ikunu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari; il-ġlieda kontra networks ta' kuntrabandu; il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar ir-ritorni u r-riammissjonijiet; il-ħidma mal-pajjiżi sħab lejn il-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri; l-għoti ta' appoġġ għal soluzzjonijiet ta' protezzjoni f'partijiet oħra tad-dinja; u l-iżvilupp ta' rotot legali lejn il-protezzjoni fl-Ewropa.





Fir-rwol tagħha biex tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni armonizzati tad-dritt tal-UE, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ħarġet aktar minn [20 sentenza](#) fl-2022, li jkopru suġġetti relatati ma’:

- L-aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil;
- il-proċedura ta’ Dublin;
- il-kunċett ta’ applikazzjoni sussegwenti;
- L-ammissibbiltà ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;
- id-dritt ta’ aċċess għal fajl amministrattiv u t-tifsira ta’ komunikazzjoni tad-deċiżjoni “bil-miktub”;
- L-irtirar ta’ kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza;
- L-ambitu ta’ applikazzjoni tad-detenzjoni u r-reviżjoni ġudizzjarja tal-legalità tad-detenzjoni;
- ir-riunifikazzjoni tal-familja li tinvolvi minorenni; u
- L-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali għal raġunijiet ta’ sigurtà nazzjonali.





3. L-appoġġ tal-EUAA fl-2022



Fid-19 ta' Jannar 2022, ir-Regolament (UE) 2021/2303 dwar l-Istabiliment ta' [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil](#) daħal fis-seħħ b'mandat imsaħħaħ għall-Aġenzija. Matul l-2022, l-Aġenzija tat prova tar-rwol tagħha bħala ċentru ta' għarfien espert fil-qasam tal-ażil billi espandiet l-appoġġ operazzjonali u tekniku tagħha biex tindirizza l-ħtiġijiet li qed jevolvu. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna

ġġenerat ħtiġijiet ta' protezzjoni fuq skala kbira, u l-Aġenzija wieġbet malajr biex toffri assistenza lil pajjiżi li jirċievu numri kbar ta' persuni spostati mill-Ukrajna. Bħala attriċi integrali fir-rispons kollettiv tal-UE fl-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' miljuni ta' persuni spostati, l-EUAA kkontribwiet b'mod effettiv għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' protezzjoni fl-Ewropa kollha.

Biex tipprovdi informazzjoni bbażata fuq l-evidenza lil firxa ta' udjenzi, inklużi dawk li jfasslu l-politika, fl-2022 l-EUAA kompliet tiġbor, tipproċessa, tissintetizza u tanalizza informazzjoni dwar temi speċifiċi, l-aħħar żviluppi, suġġetti emerġenti u tbassir fil-qasam tal-ażil. It-taħriġ żviluppat u mogħti mill-Aġenzija appoġġa l-implimentazzjoni Prattika tas-SEKA billi assista lill-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jtejbu l-għarfien, il-ħiliet u l-awtonomija tagħhom biex jimplimentaw proċeduri effiċjenti u ġusti, f'konformità mal-istandards tal-UE.

Qasam ewlieni ta' ħidma għall-EUAA huwa li tipprovdi assistenza operazzjonali u teknika, b'mod speċjali lill-Istati Membri li jesperjenzaw pressjoni sproporzjonata fuq is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom. Fl-2022, l-EUAA pprovdiet appoġġ operazzjonali lil għadd rekord ta' 14-il Stat Membru tal-UE: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja. L-appoġġ operazzjonali għas-sistemi nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza fl-2022 kopra firxa ta' azzjonijiet li kienu mfassla għall-kuntest u l-ħtiġijiet speċifiċi f'kull pajjiż, inkluż appoġġ biex jiżiedu l-kapaċità u l-kwalità tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, jiġu rreġistrati u pproċessati l-applikazzjonijiet fl-ewwel u t-tieni istanza, jiġu appoġġati r-rilokazzjonijiet u jiżiedu l-kwalità u l-istandardizzazzjoni tal-proċedura ta' Dublin. L-Aġenzija appoġġat ukoll lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' protezzjoni għall-persuni spostati mill-Ukrajna.

Permezz tal-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi terzi, abbażi ta' pjanijiet direzzjonali bilaterali u programmi reġjonali ffinanzjati mill-UE, fl-2022 l-EUAA kompliet tappoġġa d-dimensjoni esterna tas-SEKA. Ġew implimentati pjanijiet direzzjonali għal kooperazzjoni bilaterali mal-[Albanija](#), il-[Bożnija-Herzegovina](#), l-[Eġittu](#), il-[Kosovo](#), il-[Montenegro](#), il-[Maċedonja ta' Fuq](#), is-[Serbja](#) u t-[Turkija](#), filwaqt li fil-livell reġjonali, l-Aġenzija wettqet b'suċċess attivitajiet li jinvolvu l-pajjiżi kollha tal-Afrika ta' Fuq u n-Niġer. Fid-dawl tal-mandat il-ġdid tal-Aġenzija u l-iżviluppi ġeopolitiċi fil-qasam tal-ażil, f'Marzu 2023, il-Bord tat-Tmexxija tal-EUAA adotta [strateġija riveduta ta' kooperazzjoni esterna](#).

Ir-Regolament dwar l-EUAA introduċa dispożizzjonijiet biex jiżgura li l-Aġenzija taderixxi bis-siħħ mad-drittijiet fundamentali meta twettaq il-kompiti tagħha. Fl-2022, l-EUAA wettqet attivitajiet preparatorji għall-ħatra ta' Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, l-iżvilupp ta' Strateġija għad-Drittijiet Fundamentali u l-istabiliment ta' mekkaniżmu tal-ilmenti, fejn kwalunkwe persuna li hija affettwata direttament mill-azzjonijiet ta' espert f'Tim ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil, u li tqis li d-drittijiet fundamentali tagħha nkisru minħabba dawk l-azzjonijiet, jew kwalunkwe parti li tirrappreżenta lil tali persuna, tista' tressaq ilment bil-miktub lill-EUAA.



4. Il-Funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil



Fid-dawl tan-numri dejjem akbar ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni fl-Ewropa u ta' sistemi ta' akkoljenza nazzjonali saturati, fl-2022 il-pajjiżi tal-UE+ implimentaw inizjattivi leġislattivi, ta' politika u prattiċi biex jimmaniġġjaw is-sitwazzjoni li tvarja. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-UNHCR u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra esprimew tħassib dwar xi prattiki fi ħdan l-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil u tal-akkoljenza.

4.1. Access għall-proċeduri



Fl-2022, il-pajjiżi tal-UE+ rċevew għadd ferm ogħla ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali milli fis-snin preċedenti. Madwar 996,000 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li ġew ippreżentati fil-pajjiżi tal-UE+ rrappreżentaw żieda ta' madwar nofs meta mqabbla mal-2021 u ta' tnejn minn kull ħamsa meta mqabbla mal-livell ta' qabel il-COVID-19 tal-2019. Filwaqt li t-total tal-UE+ baqa' ferm taħt il-livell għoli tal-2015, in-numru ta' applikazzjonijiet qabeż il-valuri tal-2015 f'diversi pajjiżi (*ara Illustrazzjoni 1*).

Madwar il-pajjiżi tal-UE+, 7 minn kull 10 applikazzjonijiet ġew ippreżentati fl-Ewwel 5 pajjiżi riċeventi – jiġifieri l-Ġermanja, Franza, Spanja, l-Awstrija u l-Italja (f'ordni dekrexxenti). Iċ-ċittadini tas-Sirja, l-Afganistan, it-Turkija, il-Venezwela u l-Kolombja ppreżentaw l-aktar applikazzjonijiet. Filwaqt li l-livelli rekord tal-2015 u l-2016 kienu primarjament xprunati minn applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn persuni li ġejjin mis-Sirja, l-Afganistan u l-Iraq, iż-żieda attwali tirriżulta minn firxa ferm usa' ta' nazzjonalitajiet.

Fid-dawl taż-żieda fil-wasliet u fl-applikazzjonijiet, il-pajjiżi tal-UE+ komplew bl-isforzi tagħhom biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni, filwaqt li jimmaniġġjaw il-fruntieri tagħhom b'mod effettiv. Wara x-xejriet minn dawn l-aħħar snin, diversi Stati Membri tul il-fruntieri tal-UE introduċew regoli speċjali għall-ġestjoni tal-wasliet tal-massa u għad-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet speċifiċi. Filwaqt li l-għan ta' tali miżuri kien li jassistu lill-awtoritajiet fil-monitoraġġ u fil-ġestjoni tal-flussi ta' dħul u fid-detezzjoni ta' każijiet ta' dħul klandestin, l-UNHCR, il-Kunsill tal-Ewropa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkomentaw dwar l-impatt fil-prattika, fl-allert dwar ir-riskji għad-dritt għall-ażil u l-prinċipju ta' *non-refoulement*.


L-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja wkoll skattat bidliet fil-proċess u kellha impatt b'modi differenti fuq il-kapaċità ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, peress li l-pajjiżi tal-UE+ kellhom jirreġistraw ukoll persuni li jeħtieġu protezzjoni temporanja. Dan wassal għal diversi aġġustamenti fil-proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' preżentazzjoni, li kellhom l-għan li jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess għal persuni spostati mill-Ukrajna, li xi drabi rriżulta f'dewmien fl-aċċess għall-proċedura għall-applikanti għall-ażil.





L-ogħla numru ta' applikazzjonijiet f'kull ħin fi 13-il pajjiż tal-UE+

Illustrazzjoni 1. Applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn pajjiż tal-UE+, 2022



Nota: Kienet nieqsa *data* annwali għall-Iżlanda. It-total annwali ġie kkalkulat bħala s-somma tal-applikazzjonijiet ta' kull xahar.

Sors: Eurostat [[migr_asyappctza](#), [migr_asyappctzm](#) għall-Iżlanda] mit-13 ta' April 2023.



4.2. Il-proċedura ta' Dublin



L-iżviluppi lejn mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà biex jikkomplementa s-sistema ta' Dublin komplew fil-livell tal-UE fl-2022. Il-Mekkaniżmu ta' Solidarjetà Volontarja ta' sena, li ġie stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea wara ftehim bejn 18-il Stat Membru u 3 pajjiżi assoċjati, huwa meqjus bħala opportunità biex titwitta t-triq għal soluzzjoni aktar permanenti skont ir-Regolament propost dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni.

Skont il-qafas legali attwali tal-UE, l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-EUAA żviluppaw pjan direzzjonali biex itejbu l-implimentazzjoni tat-trasferimenti skont ir-Regolament ta' Dublin III fl-2022, u l-Istati Membri bdew japplikaw is-soluzzjonijiet prattiċi definiti fil-pjan direzzjonali biex jегħlbu l-ostakli ewlenin fl-eżekuzzjoni tat-trasferimenti fl-2023.

Filwaqt li r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 tneħħew gradwalment fl-2022, kwistjoni ewlenija għall-unitajiet ta' Dublin fl-2022 kienet in-nuqqas ta' persunal – parzjalment minħabba l-fatt li l-uffiċjali tal-każijiet ta' Dublin ġew assenjati mill-ġdid biex jappoġġaw il-wasla ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni temporanja – li jagħmilha aktar diffiċli li jiġi indirizzat l-ammont ta' xogħol li qed jiżdid.

Skont id-*data* proviżorja li tiġi skambjata b'mod regolari bejn l-EUAA u 29 pajjiż tal-UE+, fl-2022 inħarġu 163,000 deċiżjoni b'rispons għat-talbiet ta' Dublin li jkunu saru. Dan irrappreżenta żieda ta' aktar minn tnejn minn kull ħamsa meta mqabbel mal-2021, li rriżulta fl-ogħla total annwali mill-2016 tal-inqas. B'mod ġenerali, il-proporzjon annwali ta' deċiżjonijiet riċevuti dwar it-talbiet ta' Dublin għall-applikazzjonijiet għall-ażil iddepożitatikien ta' 16%, fuq l-istess livell tal-2021. Għalkemm xi deċiżjonijiet dwar it-talbiet ta' Dublin kienu jikkonċernaw każijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-proporzjon stabbli ta' deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet jissuġġerixxi li fl-2022 għadd akbar ta' persuni li jfittxu aзіl iċċaqalqu mill-ewwel pajjiż tal-wasla għal ieħor biex jiddepożitaw applikazzjoni ġdida (imsejħa movimenti sekondarji), u kellhom impatt ġenerali fuq il-volum ta' każijiet tal-aзіl.

Fil-livell tal-pajjiż, il-Ġermanja u Franza komplew jirċievu l-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet b'rispons għat-talbiet tagħhom, li flimkien huma responsabbli għal aktar minn tlieta minn kull ħamsa tat-total tal-UE+. Bħal fis-snin preċedenti, l-Italja ħarġet il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ġenerali dwar it-talbiet ta' Dublin. Madankollu, għall-ewwel darba rreġistrata, l-Awstrija u l-Bulgarija ħarġu bħala t-tieni u t-tielet pajjiż li ħarġu l-aktar deċiżjonijiet, u qabżu l-Ġermanja u l-Greċja.

Fl-2022, ir-rata ta' aċċettazzjoni għad-deċiżjonijiet b'rispons għat-talbiet ta' Dublin, li tkejjel is-sehem mid-deċiżjonijiet li jaċċettaw ir-responsabbiltà (espliċitament jew impliċitament) għal applikazzjoni mid-deċiżjonijiet kollha maħruġa, kienet ta' 60% (6 punti perċentwali oġġla mill-2021). Dan irrappreżenta żieda għall-ewwel darba f'5 snin fil-livell tal-UE+.

Wara t-tnaqqis għal livelli baxxi ħafna matul il-pandemija tal-COVID-19 fl-2020 u fl-2021, l-għadd ta' trasferimenti ta' Dublin li ġew implimentati fl-2022 baqa' baxx. B'mod ġenerali, saru madwar 15,000 trasferiment fl-2022, li kienu madwar wieħed minn kull sebġha aktar mill-2021, iżda madwar tnejn minn kull ħamsa aktar baxxi min-numru tal-2019.



L-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Dublin III ġie invokat madwar 4,800 darba fl-2022, li żdied għall-ewwel darba f'4 snin iżda xorta baqa' ferm taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. L-Artikolu 17(1) huwa klawwsola diskrezzjonarja, li tippermetti lil Stat Membru jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, anke jekk tali eżami ma jkunx ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji stabbiliti fir-regolament.

4.3. Proċeduri speċjali biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni



Waqt l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-prim'istanza, l-Istati Membri, taħt ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jużaw proċeduri speċjali – bħal proċeduri aċċellerati, proċeduri fuq il-fruntiera jew proċeduri prijoritarji – filwaqt li jikkonformaw mal-prinċipji u mal-garanziji bażiċi stabbiliti fid-dritt tal-UE.

Matul l-2022, il-qrati nazzjonali intervjenew biex jivvalutaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, kif ukoll l-implimentazzjoni prattika ta' proċeduri speċjali. Baqa' jippersisti t-tħassib dwar l-użu tal-proċeduri fuq il-fruntiera u r-riskji ta' aċċellerazzjoni bbażati fuq il-kunċett ta' pajjiż sikur u l-applikazzjonijiet sussegwenti.

B'mod ġenerali, fl-2022 ġew ippreżentati 76,000 applikazzjoni sussegwenti fl-istess pajjiż tal-UE+, li rrappreżentaw tnaqqis meta mqabbla mal-91,000 applikazzjoni sussegwenti fl-2021. Il-proporzjon ta' applikazzjonijiet sussegwenti għall-għadd totali ta' applikazzjonijiet kien ta' 1 minn kull 12, li jirrappreżenta tnaqqis notevoli meta mqabbel mal-2021 (meta kien ta' 1 minn kull 7).

4.4. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-prim'istanza



L-għadd akbar ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, flimkien mal-miljuni ta' persuni spostati mill-Ukraina li jeħtieġu protezzjoni temporanja, eżerċitaw pressjoni akbar fuq il-kapaċità tal-iproċessar fil-prim'istanza. Il-pajjiżi tal-UE+ wiegħbu għal din il-ħtieġa billi adottaw miżuri biex iżidu l-effiċjenza tas-sistema ġenerali tal-ażil u biex iħaffu l-proċedura tal-ażil.

Inbdew ir-reklutaġġ ta' persunal ġdid u r-riorganizzazzjoni tal-awtoritajiet determinanti, u nħolqu uffiċċji territorjali addizzjonali biex tiżdied il-preżenza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-proċedura tal-ażil u għall-awtoritajiet kompetenti. Xi pajjiżi tal-UE+ introduċew politiki ta' prijorizzazzjoni u linji gwida għal ċerti profili, estendew il-limiti ta' żmien biex tinħareġ deċiżjoni fil-prim'istanza, u qassru jew ħallew barra ċerti passi fil-proċedura meta l-eżitu jkun favorevoli għall-applikant. Biex itejbu u jħaffu l-proċeduri, diversi pajjiżi żviluppaw linji gwida ġenerali ġodda biex jivvalutaw l-applikazzjonijiet u adottaw politiki ġodda dwar każijiet ippreżentati minn profili u nazzjonalitajiet speċifiċi tal-applikanti.




Fl-2022, l-awtoritajiet tal-ażil fil-pajjiżi tal-UE+ ħarġu madwar 646,000 deċiżjoni tal-prim'istanza, li kienu wieħed minn kull ħamsa aktar mill-2021 u l-aktar mill-2017. Fl-istess ħin, ġew ippreżentati ħafna aktar applikazzjonijiet fl-2022 (żieda ta' nofs), b'mod partikolari fit-tieni nofs tas-sena. Sa tmiem l-2022, in-numru ta' applikazzjonijiet qabeż id-deċiżjonijiet tal-prim'istanza bi 345,000 li wassal għal aktar każijiet pendenti fil-prim'istanza fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE+ minn sena qabel.

Tliet pajjiżi tal-UE+ ħarġu kważi żewġ terzi tad-deċiżjonijiet kollha tal-prim'istanza fl-2022: Il-Ġermanja (31%), Franza (20%) u Spanja (13%). Dawn kienu segwiti mill-Italja (8%), l-Awstrija (6%) u l-Greċja (6%). Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet tal-prim'istanza fil-pajjiżi tal-UE+ nħarġu lil ċittadini tas-Sirja u tal-Afganistan, u rċevew 3 minn 10 deċiżjonijiet (*ara Illustrazzjoni 2*). Iċ-ċittadini tat-Turkija (25,000), il-Bangladesh (21,000) u l-Georgia (19,000) irċevew l-aktar deċiżjonijiet irreġistrati.



Aktar deċiżjonijiet tal-prim'istanza maħruġa fl-2022 lil kważi l-pajjiżi ta' oriġini ewlenin kollha

Illustrazzjoni 2. Deċiżjonijiet tal-prim'istanza fil-pajjiżi tal-UE+ skont l-Ewwel 10 pajjiżi ta' oriġini li jirċievu deċiżjonijiet, 2022 meta mqabbla mal-2021



Sors: Eurostat [[migr_asydcfsta](#)] mit-13 ta' April 2023.

Madwar 140,000 applikazzjoni ġew irtirati fl-istanzi kollha fil-pajjiżi tal-UE+ fl-2022, li kienu d-doppju ta' dawk fl-2021 u l-aktar mill-2016. B'mod ġenerali, il-proporzjon ta' applikazzjonijiet irtirati meta mqabbla man-numru totali ta' applikazzjonijiet ippreżentati żdied minn madwar 1 minn 10 fl-4 snin preċedenti għal 1 minn 7 fl-2022. Mill-inqas erbgħa minn kull ħamsa tal-applikazzjonijiet kollha rtirati fl-2022 kienu impliċiti. Huwa possibbli li applikant għall-ażil jirtira b'mod impliċitu l-applikazzjoni tiegħu minn pajjiż wieħed tal-UE+ sabiex jerġa' japplika f'ieħor, u b'hekk jindika movimenti sekondarji lejn pajjiżi oħra tal-UE+. F'dan ir-rigward, kien hemm xejra ta' ħafna applikazzjonijiet irtirati b'mod impliċitu, u b'hekk movimenti sekondarji mill-pajjiżi tul ir-rota tal-Balkani u l-pajjiżi fil-fruntieri esterni tal-UE.





4.5. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fit-tieni istanza jew f'istanza oġġla



FI-2022, l-iżviluppi fit-tieni istanza f'xi pajjiżi tal-UE+ inkludew valutazzjonijiet jew interpretazzjonijiet ġodda tad-dritt ta' aċċess għal proċedura ta' appell, bħal min jista' jagħmel rikors għal appell u r-rekwiżiti li magħhom applikant irid jikkonforma biex jaċċessa l-proċedura ta' appell. L-ambitu tal-appell f'każijiet ta' protezzjoni internazzjonali kien is-suġġett ta' aktar titjib, inkluż ir-rekwiżit li tiġi pprovduta eżaminazzjoni *ex nunc* (għall-futur) kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tal-liġi u tal-effett sospensiv tal-appelli, sabiex jiġu allinjati l-prattiki domestiċi u d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva riformulata dwar il-Proċeduri tal-Ażil.

Il-qrati intervjenew biex jivvalutaw l-effettività tar-rimedji, filwaqt li t-tul tal-proċeduri ta' appell kompli jkun aspett ta' tħassib partikolari, li wassal għal bidliet leġiżlattivi li qed jiġu proposti, adottati jew diġà implimentati biex titħaffef il-proċedura ta' appell. Il-qrati eżaminaw ukoll liema korp kompetenti għandu jkun responsabbli għal appell ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-ażil.

4.6. Kawżi pendenti



Fi tmiem l-2022, kważi 899,000 applikazzjoni għall-ażil kienu qed jistennew deċiżjoni fil-pajjiżi tal-UE+, li żdiedu bi kważi wieħed minn kull ħamsa meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Dan irrappreżenta l-aktar każijiet li qed jistennew deċiżjoni minn April 2020, meta l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ġie sospiż jew limitat strettament matul il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19.

Filwaqt li l-għadd ta' kawżi pendenti baqa' relattivament stabbli sa Lulju 2022, dan beda jiżdied kontinwament wara, f'konformità mal-għadd dejjem jikber ta' applikazzjonijiet għall-ażil, filwaqt li d-deċiżjonijiet fil-prim'istanza bdew jaqgħu b'mod konsiderevoli meta mqabbla mal-għadd ta' applikazzjonijiet fl-aħħar żewġ trimestri tal-2022 milli fl-ewwel tnejn. Għalhekk, l-istokk ta' kawżi pendenti kien ferm oġġla milli fil-livell ta' qabel il-kriżi lejn l-aħħar tal-2014, u dan żied il-persjoni fuq is-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza.

Taħlita ta' *data* tal-Eurostat u tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u Tħejjija (EPS) tal-EUAA tippermetti d-diżaggregazzjoni ta' każijiet pendenti fil-prim'istanza u każijiet pendenti fit-tieni istanza jew f'istanza oġġla. Ir-riżultati jindikaw li l-istokk ġenerali tal-każijiet pendenti żdied fil-prim'istanza, filwaqt li kompli jonqos f'istanzi oġġla.

4.7. Akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali



L-2022 kienet diskutibbilment sena meta s-sistemi ta' akkoljenza fil-pajjiżi tal-UE+ ttestjaw il-limiti tagħhom, billi ntabu jipprovdu għall-ħtiġijiet mhux biss ta' numru dejjem akbar ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, iżda wkoll ta' miljuni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni temporanja – u, għalhekk, fil-bżonn ta' kenn.



L-isfida ewlenija baqgħet in-nuqqas ta' postijiet suffiċjenti, minkejja li l-Istati Membri komplew jinvestu b'mod sinifikanti fiż-żieda tal-kapaċità ta' akkoljenza. Xi pajjiżi qabżu r-rekords tal-kapaċità preċedenti kollha, iżda dan xorta ma kienx biżżejjed biex joffri akkomodazzjoni adegwata għall-applikanti kollha. L-isfidi multidimensjonali kienu xi drabi aggravati minn metodi ta' finanzjament inadegwati u kwistjonijiet f'kollaborazzjoni mal-muniċipalitajiet. Ftit pajjiżi tal-UE+ biss (eż. pajjiżi ta' tranżitu minn fejn l-applikanti ħafna drabi mxew lejn pajjiż ieħor tal-UE+) ma rrapportawx kwistjonijiet ta' kapaċità.

L-Istati Membri esploraw modi differenti biex jirrispondu għal ħtiġijiet akbar. Xi wħud ikkuntattjaw lil partijiet ikkonċernati ġodda biex isaħħu s-sistema ta' akkoljenza, pereżempju, permezz tal-involvement aktar mill-qrib tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-atturi muniċipali, atturi fil-ġestjoni tad-diżastri jew l-atturi privati. Fl-oqfsa tal-pjanijiet operazzjonali tagħha, l-EUAA assistiet lil 10 pajjiżi fit-tiżni tas-sistemi ta' akkoljenza tagħhom.

Il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ddeterjoraw f'ċentri ffullati żżejjed u wasslu għal kundizzjonijiet substandard f'xi pajjiżi tal-UE+, kif inhu ddokumentat b'mod wiesa' mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-qradi intervjenew biex itennu l-obbligi tal-Istati Membri li jipprovdu b'mod effettiv il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza. Peress li l-enfasi baqa' fuq il-ħtiġijiet immedjati, bħas-sejbien ta' biżżejjed postijiet ta' akkoljenza u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ta' għajxien adegwati, deher li ġew implimentati inqas inizjattivi biex jiffaċilitaw id-dħul tal-applikanti fl-impjeg, l-orjentazzjoni fis-soċjetà l-ġdida jew l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

4.8. Aspetti ta' detenzjoni li jinvolve applikanti u applikanti preċedenti



Fl-2022, in-nuqqasijiet fil-prattiki u fil-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, baqgħu jiġu skrutinizzati minn organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ u ġudizzjarji internazzjonali, Ewropej u nazzjonali, bħall-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura (CAT), il-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT), l-Ombudspersons nazzjonali, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-qradi nazzjonali, minbarra l-UNHCR u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Id-deċiżjonijiet tal-qorti taw bidu, xi drabi, għal proċessi li jallinjaw il-politiki u l-prattiki nazzjonali mal-leġiżlazzjoni Ewropea rilevanti.

Il-kapaċità ta' detenzjoni fil-pajjiżi tal-UE+ komplet tiġi aġġustata abbażi tal-ħtiġijiet operazzjonali, prinċipalment biex jinfetħu jew tkun ippjanata l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda ta' detenzjoni. Ir-rikors għad-detenzjoni kien fost it-tħassib primarju li tqajjem mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. F'għadd ta' pajjiżi, ġie espress tħassib dwar il-prattika tad-detenzjoni tal-applikanti fil-fruntiera, id-detenzjoni *de facto* b'mod ġenerali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom kif jaslu filwaqt li kienu qed jistennew biex jippreżentaw applikazzjoni, il-kundizzjonijiet fid-detenzjoni u l-aċċess imfikkell għad-drittijiet, bħall-aċċess għall-informazzjoni u l-għajjnuna legali.



4.9. Aċċess għall-informazzjoni



FI-2022, il-pajjiżi tal-UE+ komplew itejbu l-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti għall-ażil permezz ta' innovazzjonijiet diġitali u titjib, bħal pjattaformi u siti web ġodda. Minbarra l-awtoritajiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili komplew jaqdu rwol ugwalment integrali fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni.

Kemm l-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għamlu dejjem aktar sforzi biex jiżguraw li l-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali kellhom aċċess għall-informazzjoni b'lingwa li jifhem. Il-kontenut ġie tradott f'diversi lingwi, b'enfasi speċjali fuq id-disponibbiltà tal-informazzjoni bl-Ukren u bir-Russu.

Gruppi speċifiċi ta' applikanti jistgħu jeħtieġu informazzjoni mfassla apposta għas-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi tagħhom. Il-wasla tal-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna ħolqot xenarju ġdid ta' informazzjoni; il-pajjiżi tal-UE+ allokaw riżorsi sinifikanti biex jiżviluppaw pjattaformi ta' informazzjoni u materjali li ġew aġġornati regolarment biex jipprovdu l-aktar informazzjoni aġġornata u preċiża f'ambjent li qed jinbidel b'mod rapidu. L-awtoritajiet nazzjonali ġew appoġġati f'dan il-proċess pereżempju minn inizjattivi mill-EUAA ([Who is Who in Temporary Protection](#)) u mill-UNHCR (Paġni ta' Għajnuna). Ġiet żviluppata wkoll informazzjoni ġdida għaċ-ċittadini Russi li qed ifittxu protezzjoni.

4.10. Assistenza u rappreżentanza legali



FI-2022, xi pajjiżi tal-UE+ komplew bl-isforzi biex itejbu l-aċċess għall-assistenza legali u l-kwalità tagħha fl-istadji kollha tal-proċedura tal-ażil. Dawn nedew inizjattivi u proġetti ġodda, pereżempju l-ikkuntrattar ta' avukati speċjalizzati li jaħdmu fi kwistjonijiet tal-ażil u l-offerta ta' appoġġ addizzjonali lill-applikanti bi bżonnijiet speċjali. Saru disponibbli żvilupp professjonali u għodod ġodda għall-prattikanti legali, bl-għan ġenerali li tittejjeb il-kwalità tas-servizzi. Ġew innotati wkoll sforzi sinifikanti fil-provvista ta' servizzi ta' għajnuna legali matul il-proċedura tal-ażil permezz tad-diġitalizzazzjoni u l-interkonnnettività bejn il-portali tal-awtorità determinanti u l-pjattaformi tal-qorti.

Madankollu, kif irrappurtat fis-snin preċedenti, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva riformulata dwar il-Proċeduri tal-Ażil baqgħet kwistjoni ta' tħassib fil-fruntiera, fil-faċilitajiet ta' detenzjoni u fil-proċedura tal-appelli minħabba nuqqas ta' informazzjoni u aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali. F'xi każijiet, il-limiti ta' żmien qosra fil-proċedura fuq il-fruntiera, fi proċeduri speċjali jew fil-proċedura ta' Dublin irriżultaw f'assistenza legali limitata, ta' kwalità baxxa jew ineżistenti.

B'rispons għall-invażjoni Russa, l-awtoritajiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili mmobilizzaw riżorsi biex jipprovdu appoġġ immedjat lill-persuni spostati mill-Ukrajna, inkluż informazzjoni u assistenza legali bl-involvement attiv tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-avukati.



4.11. Servizzi ta' interpretazzjoni



Fl-2022, il-pajjiżi tal-UE+ introduċew diversi inizjattivi biex itejbu s-servizzi ta' interpretazzjoni fil-proċedura tal-ażil, speċjalment fil-kuntest tal-forniment ta' servizzi xierqa għas-superstiti tat-traffikar tal-bnedmin, l-assistenza lill-persuni bi bżonnijiet speċjali, u fl-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa. L-isforzi komplewi itejbu l-kwalità tas-servizzi ta' interpretazzjoni permezz ta' taħriġ, gwida, għodod ta' kwalità u materjali ta' appoġġ għall-interpreti. Ġiet innotata xejra dejjem tikber fl-involvement ta' benefiċjarji ta' protezzjoni bħala interpreti fil-kuntest tal-ażil; bl-esperjenza diretta tal-proċess, interpreti bħal dawn setgħu joffru appoġġ xieraq lil applikanti ġodda.

Biex jindirizzaw il-wasla ta' persuni spostati mill-Ukrajna, diversi pajjiżi tal-UE + żiedu l-għadd ta' interpreti li jikkellmu bl-Ukren u bir-Russu u pproduċew aktar materjal ta' informazzjoni b'dawk il-lingwi. Dawn l-isforzi wasslu għal xi kritika mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li rrappurtaw sistema fuq żewġ livelli fl-għoti ta' assistenza lin-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna, li rċevew appoġġ rapidu fil-qasam tal-interpretazzjoni, u l-applikanti għall-ażil minn pajjiżi oħra. Tqajjem ukoll tħassib mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar l-ostakli lingwistiċi u kulturali fil-fruntieri minħabba nuqqas ta' servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjonijiet ħżiena ta' informazzjoni, li żammew lill-migranti milli jifhmu b'mod sinifikanti d-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

4.12. Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini



L-iżviluppi ewlenin fil-produzzjoni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini (COI) fl-2022 iffukaw fuq it-titjib tal-metodoloġiji, l-investiment f'teknoloġiji u riċerkaturi ġodda, it-titjib tal-kollaborazzjoni ma' riċerkaturi oħra bbażati fl-Ewropa (pereżempju f'Unitajiet nazzjonali tas-COI u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-pajjiż ta' oriġini), u l-produzzjoni ta' informazzjoni malajr biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ġodda ta' kriżi. Il-produzzjoni tas-COI kompliet tiffoka fuq l-aktar pajjiżi ta' oriġini komuni tal-applikanti għall-ażil fl-Ewropa, b'mod partikolari l-Afganistan, il-Kolombja, is-Sirja, it-Turkija u l-Venezwela. Naturalment, il-produzzjoni tas-COI fl-2022 iffokat ukoll fuq is-sitwazzjoni fl-Ukrajna u r-Russja.

Sfida li dehret tippersisti, kif enfasizzat mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, hija relatata man-nuqqas ta' aċċessibbiltà u l-faċilità tal-użu għall-utent tal-bażijiet tad-*data* tas-COI u n-nuqqas ta' informazzjoni multilingwistika, peress li l-materjal tas-COI huwa fil-biċċa l-kbira disponibbli bl-Ingliż. Barra minn hekk, jidher li hemm żbilanċ bejn il-pajjiżi ta' oriġini li għalihom hemm disponibbli għadd kbir ta' rapporti dwar is-COI u l-pajjiżi li għalihom ma teżisti l-ebda informazzjoni jew teżisti informazzjoni limitata, kif ukoll nuqqas ta' *data* dwar l-applikanti intersesswali u s-sitwazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.



4.13. L-apolidija fil-kuntest tal-ażil



Fil-kuntest tal-ażil, l-apolidija tista' taffettwa l-proċess ta' determinazzjoni għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u s-salvagwardji proċedurali tal-applikant. Fl-2022, il-pajjiżi tal-UE+ għamlu bidliet leġiżlattivi u ta' politika biex jindirizzaw l-apolidija, inkluż l-istabbiliment ta' proċeduri ddedikati għad-determinazzjoni tal-apolidija, l-iffaċilitar tal-aċċess għan-naturalizzazzjoni u l-aġġornament tal-gwida dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet minn persuni apolidi.

Madankollu, xi sfidi dehru li jippersistu, inkluż in-nuqqas ta' proċess ta' determinazzjoni tal-apolidija f'xi pajjiżi tal-UE+ u n-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-apolidija fil-kuntest tal-ażil. Dan jista' joħloq inċertezza għall-applikanti dwar il-proċess u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, u jista' jwassal għal identifikazzjoni u reġistrazzjoni mhux xierqa.

4.14. Kontenut tal-protezzjoni



Il-kontenut tal-protezzjoni jirreferi għad-drittijiet li għalihom il-benefiċjarji ta' forma ta' protezzjoni huma intitolati fil-pajjiż tal-ażil, kif ukoll għall-obbligi assoċjati. Il-protezzjoni tingħata meta l-applikanti jirċievu deċiżjoni pożittiva li tagħti status ta' refuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja (imsejħa wkoll statuses armonizzati għall-UE). Ir-rata ta' rikonossiment tirreferi għan-numru ta' eżiti pożittivi bħala perċentwal tan-numru totali ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Filwaqt li l-forom nazzjonali ta' protezzjoni jagħtu status ta' protezzjoni liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, dawk l-istatuses – li mhumiex armonizzati fil-pajjiżi tal-UE+ kollha – mhumiex inklużi fil-kalkolu tar-rata ta' rikonossiment.

Fl-2022, ir-rata ġenerali ta' rikonossiment tal-UE+ għal deċiżjonijiet tal-prim'istanza dwar l-applikazzjonijiet għall-ażil kienet ta' 39%. Dan ifisser li minn 646,000 deċiżjoni maħruġa, 252,000 kienu pożittivi, li taw lill-applikant status ta' refuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja. Ir-rata ta' rikonossiment żdiedet b'5 punti perċentwali meta mqabbla mal-2021 u kienet l-oġġla mill-2017. Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet pożittivi fil-prim'istanza taw status ta' refuġjat (149,000 jew 59% tad-deċiżjonijiet pożittivi kollha) u l-protezzjoni sussidjarja ngħatat fil-103,000 każ li kien fadal (41%).

Lil hinn mill-istatuses regolati mill-UE, jekk l-awtorizzazzjonijiet ta' residenza għal raġunijiet umanitarji jiġu inklużi fil-kalkoli, ir-rata ġenerali ta' rikonossiment tal-UE+ għal deċiżjonijiet tal-prim'istanza fl-2022 se tkun ta' 50%.


Fost l-20 nazzjonalità li rċewew l-aktar deċiżjonijiet tal-prim'istanza fl-2022, is-Sirjani kellhom l-oġġla rata ta' rikonossiment bi 93%. Dawn kienu segwiti mill-Ukreni (86%) u mill-Eritreani (84%). Gruppi oħra b'rati ta' rikonossiment relattivament għoljin kienu jinkludu ċittadini tal-Mali (65%), tas-Somalja (57%) u tal-Afganistan (51%) (*ara Illustrazzjoni 3*).





Is-Sirjani, l-Ukreni u l-Eritreani kellhom l-ogħla rati ta' rikonnoxximent fl-2022

Illustrazzjoni 3. Rati ta' rikonnoxximent tal-prim'istanza għall-Ewwel 20 nazzjonalità bl-aktar deċiżjonijiet maħruġa fil-pajjiżi tal-UE+, skont in-nazzjonalità u l-istatus mogħti, 2022



Nota: Dawn l-20 nazzjonalità rċevew l-ogħla numru ta' deċiżjonijiet tal-prim'istanza maħruġa fl-2022 fil-pajjiżi tal-UE+. Dawn qiegħdin f'ordni (mix-xellug għan-naħa tal-lemin) f'termini tan-numru ta' deċiżjonijiet riċevuti. Sors: Eurostat [[migr_asydcfst](#)] mit-13 ta' April 2023.

Il-firxa u l-kwalità tad-drittijiet u s-servizzi li jirċievu l-benefiċjarji tal-protezzjoni jiffurmaw il-prospetti tal-integrazzjoni effettiva tagħhom fis-soċjetà ospitanti. Fl-2022, il-politiki ta' integrazzjoni kienu primarjament immirati lejn persuni li jeħtieġu protezzjoni temporanja mill-Ukrajna, inkluż l-iffaċilitar tal-orjentazzjoni soċjali tagħhom, l-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjegi u l-kura tas-saħħa, u l-forniment ta' benefiċċji tal-benesseri soċjali.

Ix-xejra osservata fis-snin preċedenti biex tinvolvi firxa ta' partijiet ikkonċernati u ttejjeb il-kollaborazzjoni għall-integrazzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali kompliet fl-2022, u l-ħtieġa urġenti u fuq skala kbira li jiġi pprovdut appoġġ għall-integrazzjoni għal persuni fil-bżonn ta' protezzjoni temporanja kompliet tikkatalizza dan il-proċess ta' kollaborazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati. Għalhekk, il-pajjiżi tal-UE+ ppilotaw xi modi ġodda u innovattivi ta' ħidma flimkien fl-integrazzjoni ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni.

Biex jappoġġaw it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, diversi partijiet ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali, l-akkademja, gruppi ta' riflessjoni u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, komplew jevalwaw il-komponenti tal-programmi ta' integrazzjoni matul l-2022. It-tagħlimiet meħuda permezz tal-isforzi biex jiġu integrati l-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja jistgħu jipprovdut aktar għarfien dwar l-impatt ta' approċċi differenti għall-integrazzjoni fil-futur. B'mod parallel, xi pajjiżi tal-UE+ komplew b'inizjattivi li offrew dritt ta' soġġorn lil ex applikanti li ma setgħux jiġu rritornati u li kienu laħqu ċertu livell ta' integrazzjoni.



Iż-żieda fl-applikazzjonijiet għall-ażil fl-2022 spiss kellha impatt u kkawżat dewmien fl-għoti ta' dokumenti ta' residenza u tal-ivvjaġġar lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, u dan irriskja li jdewwem l-aċċess tagħhom għal servizzi u drittijiet oħra. Kif deher fis-snin preċedenti, il-grati żammew rwol importanti fit-tfassil tal-interpretazzjoni tar-raġunijiet u l-proċeduri għar-rieżami jew l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li l-awtoritajiet ġudizzjarji skrutinizzaw ukoll il-politiki u l-prattiki nazzjonali fil-qasam tar-riunifikazzjoni tal-familja.

4.15. Risistemazzjoni u ammissjonijiet umanitarji



L-attivitajiet fir-risistemazzjoni ġew riattivati gradwalment matul l-2022, wara sentejn ta' restrizzjonijiet tal-COVID-19 li naqqsu drastikament il-wasla tar-refuġjati permezz ta' dawn il-programmi. F'dan il-kuntest, il-pajjiżi tal-UE+ komplew l-isforzi biex jissodisfaw l-impenji tagħhom. Dan kien jeħtieġ aġġustament tal-prijoritajiet u l-programmi għall-isfidi l-ġodda matul is-sena, bħall-kriżi kontinwa fl-Afganistan u l-wasla tal-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna. Pressjoni akuta fuq is-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza wasslet għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-wegħdi ta' risistemazzjoni minn ħafna pajjiżi tal-UE+.

B'mod ġenerali, ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-kumpaniji privati u tal-gruppi tal-komunità ssaħħaħ permezz ta' ftehimiet ġodda peress li dawn għandhom rwol importanti fl-akkoljenza tar-refuġjati risistemati u fil-proċess tal-għażla u tar-riferiment. Biex ikejlu l-impatt tal-programmi ta' risistemazzjoni, il-pajjiżi tal-UE+ u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili wettqu evalwazzjonijiet biex jidentifikaw it-tagħlimiet meħuda u l-prattiki tajba.

Fil-qasam tal-ammissjonijiet umanitarji, l-isforzi ffukaw l-aktar fuq il-wasla ta' ċittadini Afgani f'riskju. Għal darba oħra, ġew implimentati inizjattivi rilevanti f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.



5. Tfal u persuni bi bżonnijiet speċjali fil-proċedura tal-ażil



Peress li fl-2022 il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni temporanja kienu jikkonsistu prinċipalment minn nisa u tfal, il-pajjiżi tal-UE+ kellhom bżonn jaġġustaw is-servizzi ta' appoġġ li kienu ġeneralment immirati lejn l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali li huma fil-biċċa l-kbira rġiel. In-nisa u t-tfal li ħarbu mill-Ukrajna kienu f'riskju akbar li jiġu ttraffikati, għalhekk għadd ta' pajjiżi tal-UE+ wettqu kampanji biex iqajmu sensibilizzazzjoni u jipprevjenu t-traffikar. Huma għamlu wkoll aktar sforz biex jidentifikaw aħjar lill-vittmi u joffru appoġġ rapidu u adegwat.

Minkejja l-isforzi mill-pajjiżi tal-UE+ biex itejbu l-identifikazzjoni bikrija, ir-riferiment u s-segwitu, l-identifikazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali u l-għoti ta' akkomodazzjoni u appoġġ f'waqthom lil dawk l-aktar vulnerabbli saru saħnsitra aktar diffiċli fl-isfond ta' sistemi ta' akkoljenza saturati. Barra minn hekk, diversi Stati Membri u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nnotaw li l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali waslu fl-UE fi stati tas-saħħa aġġar milli fis-snin preċedenti.

Il-qrati spiss intervenew biex jiddeċiedu dwar għadd ta' kwistjonijiet relatati ma' applikanti b'diżabilità u bi bżonnijiet tas-saħħa speċjali, dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni effettiva għan-nisa u l-bniet, u dwar każijiet li jinvolvu talbiet dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru (SOGI).

Fl-2022, ġew ippreżentati 42,000 applikazzjoni għall-ażil minn minorenni mhux akkumpanjati madwar il-pajjiżi tal-UE+, li kienu l-akbar numru mill-2016. Dan irrappreżenta żieda ta' tlieta minn kull ħamsa mis-sena preċedenti, li taqbeż bi ftit it-tkabbir fl-applikazzjonijiet totali (+53%). Żewġ ċittadinanzi biss flimkien ammontaw għal żewġ terzi tal-applikazzjonijiet minn minorenni mhux akkumpanjati: kważi nofs l-applikazzjonijiet ġew sottomessi minn Afgani (20,000) u Sirjani (10,000).

Aktar minn nofs l-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali minn minorenni mhux akkumpanjati ġew ippreżentati fl-Awstrija (13,000 jew 31%), fil-Ġermanja (7,300, 17%) u fin-Netherlands (4,200, 10%). Kemm fl-Awstrija u fin-Netherlands, kif ukoll fil-Bulgarija (3,400), fi Franza (1,000) u f'Ċipru (900), iċ-ċifri għall-2022 kienu l-oġġla rekord (*ara l-Illustrazzjoni 4*).


L-istatus ta' refuġjat jew il-protezzjoni sussidjarja ngħatat lil kważi l-minorenni Sirjani mhux akkumpanjati kollha (96%). B'kuntrast ma' dan, minoranza żgħira ta' deċiżjonijiet pożittivi nħarġu għal minorenni mill-Bangladesh (6%).

Madwar 18,000 applikazzjoni ġew irtirati minn minorenni mhux akkumpanjati f'20 pajjiż tal-UE+ li rrapportaw *data*. Simili għall-applikazzjonijiet irtirati minn applikanti adulti, dan kien madwar id-doppju ta' dak fl-2021. Fil-fatt, it-tkabbir fl-applikazzjonijiet irtirati kien akbar mit-tkabbir fl-applikazzjonijiet ippreżentati minn minorenni mhux akkumpanjati. L-applikazzjonijiet ġew irtirati b'mod predominanti minn grupp partikolari wieħed: 95% kienu applikanti maskili ta' bejn l-14 u s-17-il sena. Kważi l-irtirar kollu kien impliċitu, li jissuġġerixxi li l-minorenni mhux akkumpanjati ma nnotifikawx lill-awtorità bl-intenzjoni tagħhom li jirtiraw l-applikazzjoni. Huwa possibbli li tali rtirar jindika movimenti sekondarji lejn pajjiżi oħra tal-UE+.



Għadd rekord ta' minorenni mhux akkumpanjati li japplikaw fl-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, Franza u n-Netherlands

Illustrazzjoni 4. L-Ewwel 10 pajjiżi tal-UE+ li rċievew applikazzjonijiet minn minorenni mhux akkumpanjati, 2022



Nota: Id-data għall-Iżlanda kienet nieqsa.
 Sors: Eurostat [migr_asyunaa] mit-13 ta' April 2023.

Iż-żieda fl-għadd ta' tfal mhux akkumpanjati meta mqabbla mal-2021 għamlet pressjoni addizzjonali fuq il-proċessi rilevanti, bħall-ħatra ta' kustodju u l-valutazzjoni tal-età ta' minorenni awtoproklamati. Iż-żieda kellha wkoll impatt fuq il-limiti ta' żmien għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u l-forniment ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali adegwati u appoġġ lill-minorenni mhux akkumpanjati.



Osservazzjonijiet finali

Fl-2022, il-pajjiżi tal-UE+ rċevew numru rekord ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni, kif muri minn numru dejjem akbar ta' applikanti għall-ażil u aktar minn 4 miljun persuna spostati mill-Ukrajna li kienu qed ifittxu protezzjoni temporanja. Filwaqt li ċ-ċifra kkombinata ta' 5 miljun persuna li waslu fl-UE poġġiet pressjoni konsiderevoli fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali, inħolqu soluzzjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-persuni li qed ifittxu protezzjoni.

Ir-rispons Ewropew għall-ħtiġijiet ta' miljuni ta' persuni spostati mill-Ukrajna kien kostruttiv u orjentat lejn il-protezzjoni, u jista' jsewi bħala pjan ta' azzjoni politiku u operazzjonali għall-futur. Għadd ta' fatturi kkatalizzaw dan is-suċċess, inkluża l-leġiżlazzjoni eżistenti minn qabel li kienet imfassla apposta biex tindirizza b'mod speċifiku din il-ħtieġa, kif ukoll ir-rieda politika biex tiġi attivata din il-leġiżlazzjoni u biex jiġu stabbiliti malajr l-istrutturi ta' appoġġ korrispondenti. B'mod importanti l-kollaborazzjoni fost partijiet ikkonċernati multipli u diversi abbażi ta' solidarjetà multidimensjonali kellha rwol ewlieni fit-tfassil u t-twassil tas-soluzzjonijiet: is-solidarjetà lejn persuni li jeħtieġu protezzjoni; is-solidarjetà madwar il-pajjiżi tal-UE; u s-solidarjetà fost atturi differenti li rnexxielhom jimmobilizzaw ir-riżorsi u jiġbdu lejn l-istess direzzjoni. L-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili, kif ukoll iċ-ċittadini privati u l-komunitajiet, ingħaqdu flimkien u qasmu l-għarfien espert rispettiv tagħhom biex jipprovdu soluzzjonijiet effettivi.

Biex tavvanza l-ottimizzazzjoni tas-sistemi tal-ażil tal-UE fl-2022, il-Presidenza Franċiża u dik Ċeka tal-Kunsill tal-UE appoġġaw approċċ gradwali, rnexxielhom jikkatalizzaw il-progress fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u rawmu aktar il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri. Din il-ħidma laħqet il-qofol tagħha fl-adozzjoni ta' mandati ta' negozjar dwar ir-Regolamenti dwar l-Iskrinjar u l-Eurodac, fil-ftehim politiku fost il-koleġiżlaturi dwar pjan direzzjonali konġunt għan-negozjati dwar il-pakkett ta' riforma, u fil-ftehim dwar il-Mekkaniżmu ta' Solidarjetà Volontarja. Dawn iż-żidiet ta' impenn, ibbażati fuq bilanċ bejn l-espressjonijiet ta' solidarjetà u responsabbiltà, jista' jkollhom effett kumulattiv pożittiv, ikomplu jinfurmaw it-tfassil tal-politika u eventwalment jiffaċilitaw l-adozzjoni tal-patt fis-snin li ġejjin.

Fl-isfond ta' tali avvanzi fir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu qed jistinkaw biex jiksbu integrità doppja, jiġifieri integrità fil-proċedura tal-ażil u integrità tal-ġestjoni tal-fruntieri. Tabilħaqq, matul dawn l-aħħar snin, kien hemm enfasi fuq approċċ effettiv, li ġie ppreżentat bħala element ewlieni tal-metodu biex jissaħħaħ il-patt. Objettiv iddikjarat tar-reviżjoni tas-sistema ta' Schengen huwa li tissaħħaħ ir-reżiljenza għal theddid serju, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, permezz ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. Fl-istess ħin, il-ġestjoni effettiva tinvolvi l-integrità fir-riċeviment ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet b'mod ġust u dinjituż.

Filwaqt li tiġi modernizzata l-ġestjoni tal-fruntieri, huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat aċċess mingħajr xkiel għall-protezzjoni ta' dawk fil-bżonn. Filwaqt li nbdeu passi ewlenin f'din id-direzzjoni, bħad-diskussjoni – u l-gwida assoċjata – dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmi nazzjonali indipendenti għall-monitoraġġ tal-konformità mad-drittijiet tal-bniedem fil-fruntieri esterni, rapporti allarmanti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili jqajmu tħassib dwar prattiki li jimpedixxu l-aċċess effettiv għall-protezzjoni.



Biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni korretta tas-SEKA, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE), kif ukoll l-istituzzjonijiet ġudizzjarji fil-livell nazzjonali komplew jiskrutinizzaw il-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-prattiki nazzjonali dwar għadd ta' oqsma relatati mas-SEKA fl-2022. Sar enfasi partikolari fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *non-refoulement* u l-aċċess effettiv għat-territorju u l-proċedura tal-ażil. Sabiex tiġi salvagwardjata l-integrità tas-SEKA, huwa ta' importanza kbira li l-awtoritajiet nazzjonali jimplimentaw id-deċiżjonijiet maħruġa mill-qrati għal dan l-għan.

F'xenarju tal-ażil li qed jinbidel b'mod rapidu, li jirrikjedi kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' protezzjoni, l-EUAA evolviet f'komponent vitali ta' arkitettura Ewropea tal-ażil. Mgħammra bil-mandat imsaħħa tagħha, l-Aġenzija se tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tas-SEKA madwar l-Ewropa. Flimkien mas-sostenn tekniku, operazzjonali u ta' taħriġ ipprovdut mill-Aġenzija, il-pożizzjoni l-ġdida tal-Uffiċjal indipendenti għad-Drittijiet Fundamentali se tikkatalizza x-xogħol biex tiżgura li d-drittijiet tal-applikanti għall-ażil ikunu dejjem salvagwardjati. Permezz tal-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ tagħha, l-Aġenzija se taħdem saħansitra aktar mill-qrib mal-Istati Membri fis-snin li ġejjin biex timmonitorja l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tal-obbligi legali tal-UE u tassisti lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' limitazzjonijiet possibbli fis-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza, u fl-aħħar mill-aħħar tikkontribwixxi għal sistema tal-ażil tal-UE aktar armonizzata.



Rapport dwar l-Ażil 2023: Sommarju Eżekuttiv

Bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa, *Ir-Rapport dwar l-Ażil 2023* jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi ewlenin fl-ażil fl-2022. Is-Sommarju Eżekuttiv jippreżenta verżjoni mqassra tar-rapport ewlieni.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) tiġbor informazzjoni dwar l-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Għal dan il-għan, ir-rapport jiddeskrivi l-bidliet fil-politiki, fil-prattiki u fil-leġiżlazzjoni. Dan jippreżenta xejriet fl-ażil, indikaturi ewlenin għas-sena ta' referenza 2022, ħarsa ġenerali lejn is-sistema ta' Dublin li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal każ u taqsima ddedikata dwar applikanti bi bżonnijiet speċjali, inklużi minorenni mhux akkumpanjati. Eżempji tal-ġurisprudenza jidhru biex jinterpretaw il-liġijiet Ewropej u nazzjonali fil-kuntest tal-*acquis* tal-UE dwar l-ażil.

Ir-Rapport dwar l-Ażil 2023 jibbaża fuq informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' sorsi – inklużi perspettivi minn awtoritajiet nazzjonali, istituzzjonijiet tal-UE, organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u akkademja – biex jippreżenta stampa sħiħa u perspettivi diversi. Ir-rapport, li jkopri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022, iservi bħala referenza għall-aħħar żviluppi fil-protezzjoni internazzjonali fl-Ewropa.